# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

19 ta' Diċembru 2012*

"Tassazzjoni — VAT — It-Tieni Direttiva 67/228/KEE — Artikolu 8(a) — Is-Sitt Direttiva 77/388/KEE — Provvista ta' oġġetti — Valur taxxabbli — Kummissjoni mħallsa minn Kumpannija ta' bejgħ b'korrispondenza lill-aġent tagħha — Xiri ta' klijenti terzi — Tnaqqis tal-prezz wara l-fatt taxxabbli — Effett dirett"

Fil-Kawża C-310/11,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-First-tier Tribunal (Tax Chamber) (ir-Renju Unit), permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Mejju 2011, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta' Ġunju 2011, fil-proċedura

**Grattan plc**

vs

**The Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn A. Rosas, li qed jaġixxi bħala President tat-tieni Awla, U. Lõhmus, A. Ó Caoimh, A. Arabadjiev (Relatur), C. G. Fernlund, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: K. Malacek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-12 ta' Lulju 2012,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Grattan plc, minn H. Stone, solicitor, u P. Lasok, QC, u R. Haynes, barrister,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn C. Murrell u E. Jenkinson kif ukoll minn L. Seeboruth, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn R. Lyal u C. Soulay, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-13 ta' Settembru 2012,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 8(a) u tal-punt 13 tal-Anness A tat-Tieni Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE, tal-11 ta' April 1967, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Struttura u metodi ta' applikazzjoni tas-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 71, p. 1303, iktar 'il quddiem it-"Tieni Direttiva").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Grattan plc (iktar 'il quddiem "Grattan") u l-Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs (iktar 'il quddiem il-"Commissioners") dwar ir-rimbors tat-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT") fuq il-kummissjonijiet imħallsa lil persuni deskritti bħala "aġenti" għal oġġetti ordnati permezz tagħhom matul il-perijodu ta' bejn l-1973 u l-1977.

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

3 L-Artikolu 5 tat-Tieni Direttiva kien jipprovdi:

"1. 'Provvista ta' oġġetti' tfisser it-trasferiment tad-dritt ta' sid li jiddisponi minn proprjetà korporali.

2. Dawn li ġejjin għandhom ukoll jitqiesu bħala provvisti skond it-tifsira tal-paragrafu 1:

[...]

ċ) it-trasferiment ta' oġġett li jsir permezz ta' kuntratt li bih titħallas kummissjoni meta jsir xiri jew bejgħ;

[...]

5. Ikun hemm fatt taxxabbli meta l-provvista tiġi effetwata [...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

4 Il-punt 8 tal-Anness A tat-Tieni Direttiva kien jipprovdi li "'fatt taxxabbli' tfisser it-tnissil tad-dejn fiskali" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

5 L-Artikolu 8(a) tat-Tieni Direttiva kien jipprovdi dan li ġej:

"Il-valur taxxabbli għandu jkun:

a) għall-provvisti ta' oġġetti u ta' servizzi, dak kollu li jikkostitwixxi l-korrispettiv għall-provvista tal-oġġett jew għall-provvista tas-servizz, bl-ispejjeż u t-taxxi kollha inklużi, bl-eċċezzjoni [tal-VAT] stess [...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

6 Il-punt 13 tal-Anness A ta' din id-direttiva kien jipprovdi li l-espressjoni "korrispettiv" kienet:

"[...] tfisser dak kollu rċevut inkambju għall-provvista ta' oġġetti jew għall-provvista ta' servizzi , inklużi l-ispejjeż aċċessorji (ippakkjar, trasport, assigurazzjoni, etc.), jiġifieri mhux biss l-ammont tas-sommom riċevuti iżda wkoll, pereżempju, il-valur tal-oħħetti rċevuti inkambju [...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

7 L-Artikolu 11(A) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 95/7/KE, tal-10 ta' April 1995 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 27, iktar 'il quddiem is-"Sitt Direttiva"). li sa mill-1978 issostitwiet it-Tieni Direttiva, kien jipprovdi, fil-parti rilevanti tiegħu, dan li ġej:

"1. L-ammont taxxabbli għandu jkun:

a) fir-rigward ta' provvisti ta' oġġetti u servizzi barra dawk msemmija f'(b), (ċ) u (d) isfel, dak kollox li jikkostitwixxi l-konsiderazzjoni li kien jew irid jinkiseb mill-fornitur mix-xerrej, il-klijenti jew it-tielet parti għal dawn il-provvisti inklużi s-sussidji marbuta direttament mal-prezz tat-tali provvisti.

[...]

3. L-ammont taxxabbli m'għandux jinkludi:

a) tnaqqis fil-prezzijiet permezz ta' skont għal pagament kmieni;

b) roħs fil-prezz u tnaqqis permess lill-klijent u kalkolat għalihom fiż-żmien tal-provvista; [...]".

8 L-Artikolu 11(Ċ)(1) tas-Sitt Direttiva kien jipprovdi:

"Fil-każ ta' kanċellazzjoni, ċaħda jew nuqqas ta' pagament totali jew parzjali, jew fejn il-prezz hu mnaqqas wara li l-provvista tkun saret, l-ammont taxxabbli jiġi ridott b'mod xieraq taħt il-kondizzjonijet li għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

Madanakollu, fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas totali jew parzjali, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn din ir-regola."

*Id-dritt tar-Renju Unit*

9 Fiż-żmien ta' meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali, id-dispożizzjoni rilevanti tad-dritt nazzjonali kienet l-Artikolu 10(2) tal-liġi tal-finanzi 1972 (Finance Act 1972) li kien jipprovdi dan li ġej:

"Jekk provvista titwettaq inkambju għal-korrispettiv fi flus, il-valur tagħha jikkorrispondi għall-ammont ta' dan il-korrispettiv flimkien mat-taxxa pagabbli."

10 Il-First-tier Tribunal (Tax Chamber) josserva li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tinkludi ebda dispożizzjoni li tipprovdi għal tnaqqis *a posteriori* tal-valur tal-provvisti minħabba tnaqqis fil-prezz jew roħs li jseħħu biss meta titwettaq il-provvista.

11 L-Istati Membri kellhom jibdlu s-"sistemi preżenti tagħhom [tal-VAT]" skont id-dispożizzjonijiet tas-Sitt Direttiva sal-1 ta' Jannar 1978.

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

12 Grattan hija membru rappreżentant ta' grupp ta' persuni taxxabbli suġġetti għall-VAT li huwa kompost minn kumpanniji li matul il-perijodu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kienu kumpanniji ta' bejgħ b'korrispondenza (iktar 'il quddiem il-"kumpanniji"). Dawn kienu jużaw is-servizzi ta' agenti li kienu jitħallsu kummissjoni, b'mod partikolari, fuq ix-xiri magħmul minn terzi (iktar 'il quddiem ix-"xiri ta'

terzi”), konsumaturi finali (iktar ’il quddiem il-“klijenti indiretti”), li lilhom huma kienu jibgħatu l-katalogi ta’ kumpannija kkonċernata. L-aġent kien jgħaddi l-ordni tal-klijenti indiretti billi jċempel il-call center tal-kumpannija kkonċernata jew billi jibgħat formola bl-ordni. Ġeneralment, l-oġġetti ordnati kienu jiġu kkunsinnati lill-aġent sabiex dan iqassamhom lill-klijenti indiretti. Il-ħlas għall-oġġetti kien jinġabar mill-aġent mingħand il-klijenti indiretti u kien jitħallas perijodikament lill-kumpannija ta’ bejgħ b’korrispondenza.

13 L-aġenti kienu jitħallsu kummissjoni ta’ 10 % fuq l-ammonti li huma kienu jgħaddu lill-kumpannija kkonċernata kemm għax-xiri tagħhom stess ta’ oġġetti mill-katalogu ta’ bejgħ b’korrispondenza kif ukoll għax-xiri ta’ terzi. Il-kummissjoni kienet titniżżel bħala kreditu fuq kont miftuħ fil-kontabbiltà tal-kumpannija u l-aġent seta’ jikseb din il-kummissjoni b’diversi metodi:

— l-aġent seta’ jitlobha fil-forma ta’ ħlas b’ċekk;

— l-aġent seta’ jpaċi l-kreditu mal-ammont tad-debitu tal-kont tiegħu, b’tali mod li jnaqqas id-debitu li huwa għandu fil-konfront tal-kumpannija għal oġġetti li huwa kien xtara mingħandha;

— l-aġent seta’ wkoll juża l-kreditu bħala ħlas totali jew parzjali għax-xiri ta’ oġġetti ġodda.

14 Meta l-kummissjoni kienet tinġabar fil-forma ta’ ħlas b’ċekk jew fil-forma ta’ kreditu fuq l-ammont dovut mill-aġent, din kienet titniżżel bħala miġbura “fi flus”. Meta l-kummissjoni kienet tintuża għax-xiri ta’ oġġetti ġodda, din kienet titniżżel bħala miġbura “fil-forma ta’ oġġetti”. Il-kawża attwalment pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju tirrigwarda biss is-sitwazzjonijiet fejn il-kummissjoni nġabret “fi flus”.

15 Il-kumpanniji ħallsu l-VAT fuq il-prezz tal-katalogu kollu, inkluż fuq l-ammont tal-kummissjoni mħallsa lill-aġenti. Grattan talbet lill-Commissioners jirrimborsawha l-ammonti tal-VAT li jikkorrisspondu għal din il-kummissjoni minħabba li din kienet tikkostitwixxi roħs li kien inaqqas il-korrispettiv jew il-valur taxxabbli tal-provvisti ta’ oġġetti mwettqa mill-kumpanniji lill-aġenti. Il-Commissioners irrimborsaw il-VAT fuq dawn il-kummissjonijiet ħlief għal dawk li nġabru fi flus għal tranżazzjonijiet ta’ xiri ta’ terzi matul il-perijodu ta’ bejn l-1973 u l-1 ta’ Jannar 1978.

16 Quddiem il-qorti tar-rinviju, Grattan sostniet li l-kummissjonijiet għax-xiri ta’ terżi rċevuti fi flus kienu roħs fuq il-prezz imħallas mill-aġent għal oġġetti mixtrija minnu mingħand kumpannija kkonċernata (jekk dawn il-kummissjonijiet inkisbu fil-mument tal-provvista) jew tnaqqis tal-prezz (jekk dawn inkisbu wara l-provvista). Għalhekk, il-korrispettiv, jew il-valur taxxabbli, għandu jitnaqqas. Dan jirriżulta kemm mill-Artikolu 11(Ċ)(1) tas-Sitt Direttiva u, qabel l-1978, mill-Artikolu 8(a) u mill-punt 13 tal-Anness A tat-Tieni Direttiva kif ukoll, f’kull każ, mill-prinċipju ta’ newtralità fiskali li kien diġà jeżisti qabel l-1978.

17 Il-Commissioners sostnew li t-Tieni Direttiva ma kinitx timponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jistabbilixxu miżuri li jipprovdu għat-tnaqqis retroattiv tal-valur taxxabbli wara l-provvista, kif previst fl-Artikolu 11(Ċ)(1) tas-Sitt Direttiva. Barra minn hekk, l-Artikolu 8(a) tat-Tieni Direttiva ma kienx preċiż biżżejjed sabiex ikollu effett dirett. Il-Commissioners ikkunsidraw li kienet teżisti distinzjoni rilevanti bejn il-kummissjonijiet għal xiri ta’ terzi u dawk għal xiri ta’ oġġetti mill-katalogi tal-bejgħ b’korrispondenza magħmul mill-aġenti stess.

18 F’dawn iċ-ċirkustanzi, il-First-tier Tribunal (Tax Chamber) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

“Fir-rigward tal-perijodu ta’ qabel l-1 ta’ Jannar 1978, persuna taxxabbli għandha, abbażi tal-effett dirett tal-Artikolu 8(a) tat-[Tieni Direttiva] u/jew tal-prinċipji ta’ newtralità fiskali u ta’ trattament ugwali, id-dritt li tikkunsidra *a posteriori* li l-valur taxxabbli ta’ provvista ta’ oġġetti kien tnaqqas meta, wara

d-data ta' meta seħħet din il-provvista ta' oġġetti, il-fornitur tal-provvista ta lid-destinatarju tagħha kreditu li d-destinatarju ddeċieda li jieħu jew fil-forma ta' ħlas fi flus, jew inkella fil-forma ta' kreditu validu fuq ammonti dovuti lill-fornitur għal provvisti ta' oġġetti diġà pprovduti lid-destinatarju?"

## Fuq id-domanda preliminari

19 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 8(a) tat-Tieni Direttiva għandux jiġi interpretat fis-sens li jagħti lil persuna taxxabbli d-dritt li jikkunsidra *a posteriori* l-valur taxxabbli ta' provvista ta' oġġetti bħala mnaqqsa meta, wara li tkun seħħet din il-provvista ta' oġġetti, aġent irċieva kreditu mingħand il-fornitur li huwa ddeċieda li jieħu jew fil-forma ta' ħlas fi flus jew inkella fil-forma ta' kreditu validu fuq ammonti dovuti lill-fornitur għal provvisti li diġà twettqu.

20 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jitfakkar li l-Artikolu 8(a) tat-Tieni Direttiva jipprovdi li l-valur taxxabbli kien "għall-provvisti ta' oġġetti u ta' servizzi, dak kollu li jikkostitwixxi l-korrispettiv għall-provvista tal-oġġett jew għall-provvista tas-servizz, bl-ispejjeż u t-taxxi kollha inklużi, bl-eċċezzjoni [tal-VAT] stess".

21 Skont il-punt 13 tal-Anness A tat-Tieni Direttiva l-espressjoni "korrispettiv" użata fl-Artikolu 8(a) ta' din id-direttiva kienet tkopri "dak kollu rċevut inkambju għall-provvista ta' oġġetti jew għall-provvista ta' servizzi , inklużi l-ispejjeż aċċessorji (ippakkjar, trasport, assigurazzjoni, etc.), jiġifieri mhux biss l-ammont tas-sommom riċevuti iżda wkoll, pereżempju, il-valur tal-oħħetti rċevuti inkambju [...]".

22 Għandu jitfakkar li t-terminu "korrispettiv" jifforma parti minn dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma tagħmilx riferiment għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati t-tifsira u l-portata tagħha. Minn dan isegwi li l-interpretazzjoni tat-terminu fil-ġeneralità tiegħu ma tistax titħalla għad-diskrezzjoni ta' kull Stat Membru. Dan il-korrispettiv huwa valur suġġettiv, peress li l-korrispettiv verament irċevut huwa l-valur taxxabbli għal provvisti ta' servizzi u mhux valur stmat skont kriterji oġġettivi (sentenza tal-5 ta' Frar 1981, Coöperatieve Aardappelenbewaarplaats, 154/80, Ġabra p. 445, punti 9 u 13).

23 Sabiex jiġi ddeterminat jekk l-Artikolu 8(a) tat-Tieni Direttiva kienx jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu, li jippermettu bdil tal-imsemmi korrispettiv u, għaldaqstant, regolarizzazjoni tal-valur taxxabbli wara li jkun seħħ il-fatt taxxabbli, għandhom jiġu eżaminati wkoll id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva dwar il-kalkolazzjoni, id-dikjarazzjoni u l-ħlas tal-VAT. Effettivament, id-determinazzjoni tal-valur taxxabbli tippreżupponi korrispettiv u fatt taxxabbli.

24 F'dan ir-rigward għandu jiġi osservat li l-Artikolu 5(5) tat-Tieni Direttiva kien jipprovdi li "[j]kun hemm fatt taxxabbli meta l-provvista tiġi effetwata [...]". Il-punt 8 tal-Anness A ta' din id-direttiva kien jipprovdi li l-espressjoni "fatt taxxabbli" użata f'din id-dispożizzjoni tfisser "it-tnissil tad-dejn fiskali".

25 Għandu jiġi kkonstatat li ebda dispożizzjoni tat-Tieni Direttiva ma kienet tipprovdi l-iffissar *a posteriori* tal-mument ta' meta jseħħ il-fatt taxxabbli, jew li dan għandu jiġi pospost b'xi mod ieħor. Barra minn hekk, din id-direttiva lanqas ma tinkludi dispożizzjonijiet li jipprovdu għall-bdil tad-dejn fiskali li jkun tnissel.

26 F'dawn iċ-ċirkustanzi, kif osservat l-Avukat Ġenerali fil-punt 41 tal-konklużjonijiet tagħha, għandu jiġi kkunsidrat, b'mod partikolari abbażi tal-Artikolu 5(5) tat-Tieni Direttiva, li d-dejn fiskali ta' persuna taxxabbli kien jitnissel sal-ammont li jirriżulta mill-valur taxxabbli ddeterminat fil-mument tat-twettieq tal-provvista.

27 Għandu għalhekk jiġi osservat li la l-Artikolu 8(a) u lanqas ebda artikolu ieħor tat-Tieni Direttiva ma seta' jiġi interpretat fis-sens li kien meħtieġ li tiġi permessa regolarizzazzjoni tal-valur taxxabbli, jew tat-taxxa tal-output imħallsa, wara li ssir il-provvista, li tikkostitwixxi l-mument tat-tnissil tal-fatt taxxabbli.

28 F'dak li jirrigwarda, wara dan, il-prinċipju tan-newtralità fiskali, għandu jitfakkar li dan il-prinċipju, li huwa prinċipju fundamentali tas-sistema komuni tal-VAT, huwa t-traduzzjoni, fil-qasam tal-VAT, tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' April 2008, Marks & Spencer, C-309/06, Ġabra p. I-2283, punt 47). Waħda mill-konsegwenzi prinċipali ta' dan il-prinċipju hija li l-persuni taxxabbli ma għandhomx jiġu trattati b'mod differenti fir-rigward ta' servizzi li jixxiebħu li jkunu f'kompetizzjoni ma' xulxin (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' April 2006, Solleveld u van den Hout-van Eijnsbergen, C-443/04 u C-444/04, Ġabra p. I-3617, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Il-prinċipju ta' newtralità fiskali ma huwiex regola tad-dritt prinċipali li tippermetti, waħedha, li jiġi ddeterminat il-valur taxxabbli fis-sens tal-Artikolu 8(a) tat-Tieni Direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2012, Zimmerman, C-174/11, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata). Dan il-prinċipju lanqas ma jagħmel tajjeb għall-fatt li t-Tieni Direttiva ma tinkludi ebda dispożizzjoni paragunabbli għall-Artikolu 11(Ċ)(1) tas-Sitt Direttiva.

30 Skont tifsira oħra tal-istess prinċipju, l-ammont li għandu jinġabar mill-amministrazzjoni fiskali abbażi tal-VAT għandu jikkorrispondi b'mod preċiż mal-ammont iddikjarat fuq l-irċevuta bħala VAT, u għandu jitħallas lill-persuna taxxabbli mill-konsumatur finali (sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Koninklijke Ahold, C-484/06, Ġabra p. I-5097, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Fil-kawża prinċipali, mill-proċess ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-klijent indirett, inkwantu konsumatur finali tal-oġġetti, kellu jħallas il-prezz indikat fil-katalogu għall-oġġetti li kien jixtri u ma kien jirċievi ebda kummissjoni mill-kumpannija. Fil-fatt kien previst li din il-kummissjoni kellha tingħadda fuq l-aġent u mhux fuq il-klijent dirett. F'dawn iċ-ċirkustanzi, u fid-dawl tal-prinċipji mfakkra fil-punt preċedenti, għandu jiġi kkunsidrat li l-korrispettiv tal-provvista kien il-prezz tal-katalogu sħieħ mingħajr tnaqqis u li għalhekk il-valur taxxabbli kien kompost minn dan il-prezz.

32 Barra minn hekk għandu jiġi eżaminat l-argument ta' Grattan li jgħid li l-fatt li ssir distinzjoni bejn is-sitwazzjoni ta' qabel l-1 ta' Jannar 1978 u s-sitwazzjoni ta' wara din id-data huwa żbaljat sa fejn din id-distinzjoni ma tiħux inkunsiderazzjoni l-kontinwità tas-sistema tal-VAT.

33 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat, hekk kif għamlet l-Avukat Ġenerali fil-punti 49 u 50 tal-konklużjonijiet tagħha, li l-grad ta' armonizzazzjoni tat-Tieni u tas-Sitt Direttivi ma humiex komparabbli. B'mod partikolari, il-prinċipju ta' sistema komuni tal-VAT, introdott bl-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 67/227/KEE, tal-11 ta' April 1967, fuq l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri dwar it-taxxi fuq il-bejgħ (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 3), kienet għadha, f'diversi aspetti, ma tinkludi ebda leġiżlazzjoni eżawrjenti, u b'mod partikolari ebda ffissar ta' valur taxxabbli uniformi.

34 Kif osservat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 12 tas-sentenza tal-5 ta' Mejju 1982, Schul Douane Expediteur (15/81, Ġabra p. 1409), is-Sitt Direttiva armonizzat il-kunċetti ta' fatt taxxabbli u ta' eżiġibbiltà tat-taxxa, u wasslet għal armonizzazzjoni tal-valur taxxabbli.

35 Huwa f'dan il-kuntest li l-leġiżlatur tal-Unjoni adotta l-Artikolu 11(Ċ)(1) tas-Sitt Direttiva, li jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet li taħthom il-valur taxxabbli għandu jitnaqqas *a posteriori*. Bħala prinċipju, din id-dispożizzjoni tobbliga lill-Istati Membri jnaqqsu l-valur

taxxabbli kull darba li, wara l-konklużjoni ta' tranżazzjoni, il-persuna taxxabbli ma tirċevix il-korrispettiv kollu jew parti minnu (ara s-sentenzi, tat-3 ta' Lulju 1997, Goldsmiths, C-330/95, Ġabra p. I-3801, punti 16 sa 18, u tad-29 ta' Mejju 2001. Freemans, C-86/99, Ġabra p. I-4167, punt 33).

36 Kif jirriżulta mill-punti 25 sa 27 ta' din is-sentenza, it-Tieni Direttiva ma kinitx tinkludi ekwivalenti għal din id-dispożizzjoni. Barra minn hekk, il-fatt li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta l-Artikolu 11(Ċ)(1) tas-Sitt Direttiva, flimkien mal-Artikolu 11(A) tagħha, jikkonferma l-interpretazzjoni li tgħid li l-imsemmi Artikolu 11(Ċ) ma kienx inerenti għall-Artikolu 11(A) tas-Sitt Direttiva jew għal predeċessur tiegħu, jiġifieri l-Artikolu 8(a) tat-Tieni Direttiva.

37 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha esposti iktar 'il fuq, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 8(a) tat-Tieni Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jagħtix lil persuna taxxabbli d-dritt li tikkunsidra *a posteriori* li l-valur taxxabbli ta' provvista ta' oġġetti kien tnaqqas meta, wara d-data ta' meta seħħet din il-provvista ta' oġġetti, il-fornitur ta lill-aġent kreditu li dan tal-aħħar iddeċieda li jieħu jew fil-forma ta' ħlas fi flus, jew inkella fil-forma ta' kreditu validu fuq ammonti dovuti lill-fornitur għal provvisti ta' oġġetti diġà mwettqa.

## Fuq l-ispejjeż

38 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 8(a) tat-Tieni Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE, tal-11 ta' April 1967, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Struttura u metodi ta' applikazzjoni tas-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jagħtix lil persuna taxxabbli d-dritt li tikkunsidra *a posteriori* li l-valur taxxabbli ta' provvista ta' oġġetti kien tnaqqas meta, wara d-data ta' meta seħħet din il-provvista ta' oġġetti, il-fornitur ta lill-aġent kreditu li dan tal-aħħar iddeċieda li jieħu jew fil-forma ta' ħlas fi flus, jew inkella fil-forma ta' kreditu validu fuq ammonti dovuti lill-fornitur għal provvisti ta' oġġetti diġà mwettqa.**

Firem